# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 14**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 149/2020/1 GM**

**Ashraf Khalil Mohammed Khalil;**

**Karim Khalil;**

**Kenzie Khalil;**

**Shaimma Abdelhady Aboutir;**

**u b'digriet tal-5 t'Ottubru, 2020 ġie nominat Dr Christopher Chircop bħala kuratur *ad litem* tal-minuri Karim u Kenzi Khalil;**

**u b'digriet tas-17 ta' Novembru, 2020 ġiet revokata l-ħatra tal-Avukat Christopher Chircop bħala kuratur *ad litem* tal-minuri Karim u Kenzi Khalil u minflok assumew l-atti ż-żewġ ġenituri rikorrenti Ashraf Khalil Mohammed Khalil u Shaimma Abdelhady Aboutir għal uliedhom Karim u Kenzi Khalil**

***v.***

**Avukat tal-Istat;**

**Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-*Expatriates*;**

**Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza;**

**Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi għal kull interess li jista' jkollhom**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali tat-30 ta' Novembru, 2021, li biha ċaħdet it-talbiet tal-atturi peress li sabet li kemm fid-deċiżjoni tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi tat-22 ta' Ottubru 2019 - li permezz tagħha l-attur ġie mneżża' miċ-ċittadinanza Maltija tiegħu b'mod immedjat – kif ukoll fil-proċedura addottata għat-tneħħija tal-imsemmija ċittadinanza ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tal-atturi mħarsin bl-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk mill-ewwel qorti:

> »Fl-24 ta' Novembru 1992 ġie ċċelebrat żwieġ bejn r-rikorrent Ashraf Khalil u Imelda Khalil nee' Falzon fir-Reġistru taż-Żwieġ f'Malta. Minn dan iż-żwieġ kellhom tifla unika Kyra Khalil li twieldet fil-5 ta' Ġunju tas-sena 1993.
>
> »Ir-rikorrent u Imelda Khalil isseparaw, u l-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet "Imelda Khalil vs Ashraf Khalil" (citazzjoni numru: 394/2001/1) fit-30 ta' Ġunju 2004 ġie deċiż illi tali żwieġ ġie simulat mir-rikorrent u kien żwieġ ta' konvenjenza u għalhekk iddikjarat null.
>
> »Fit-12 ta' Marzu 2019 id-Dipartiment tac-Ċittadinanza infurma lir-rikorrent li ai termini tal-Artiklu 14 (1) tal-Kapitlu 188 tal-Ligijiet ta' Malta, ingħatat ordni sabiex hu jiġi pprivat miċ-ċittadinanza tiegħu billi din giet akkwistata bi frodi; illi *ai termini* tal-artikolu 14(4) tal-istess Kapitlu kellu dritt għal inkjesta kif stabbilit f'dak l-att qabel l-ordni għad-deprivazzjoni taċ-ċittadinanza jiġi ezegwit; u illi tali dritt kellu jiġi ezercitat fi żmien 21

gurnata min-notifika tal-istess ittra. Ir-rikorrent oggezzjona għal tali ordni u għamel talba għall-inkjesta relattiva.

»Fid-19 ta' Settembru 2019 ir-rikorrent gie infurmat illi kienet ser tinżamm seduta fis-27 ta' Settembru 2019 fid-9am fil-Qrati ta' Malta l-Belt Valletta kif fil-fatt ġara. Il-Kumitat tal-Inkjesta ippresjedut mill-Imħallef Emeritus Dr Philip Sciberras għadda sabiex ċahad it-talba tar-rikorrent wara li kkunsidra, inter alia, illi:

»*Fil-fehma tal-Kumitat il-qofol tal-kwistjoni f'dan il-kaz jinsab fis-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tat-30 ta' Ġunju 2004, u l-aktar f'dik il-parti razzjonali tagħha fuq riportata li ddeterminat li z-zwieg ikkuntrattat mill-persuna aggravata kien semplicement wieħed ta' konvenjenza. Dik is-sentenza tikkostitwixxi res judicata u tagħmel stat fil-konfront tiegħu.*

»*Ma jżid xejn fil-piż l-argument sottopost mill-istess persuna aggravata sija fid-deposizzjoni tiegħu, kif ukoll fis-sottomissjonijiet tal-konsulent legali tiegħu lil dan il-Kumitat illi r-relazzjoni tiegħu ma' martu kienet waħda tajba u mibnija fuq imħabba reċiproka. Anzi dan l-istess argument, apparti li ma jsib l-ebda riskontru f'dik is-sentenza, jirradika l-konvinzjoni f'dan il-Kumitat ta' Inkjesta illi huwa qiegħed jippretendi li dak definit bis-sentenza għandu jiġi aġġirat u li dan il-Kumitat għandu jabbraċċja l-veduta tiegħu illi z-zwieg ikkuntrattat ma' martu Imelda xebba Falzon ma kienx wieħed ta' konvenjenza. Dan la hu logiku u lanqas leġittimament aċċettabbli f'dan l-istadju inoltrat:*

»*Il-persuna aggravata kien messha ddefendiet din il-posizzjoni minnha issa assunta quddiem il-Kumitat fil-kors tal-proċeduri fil-Qorti u mhux jibqa' kontumaċi sija fl-atti tal-kawza kif ukoll fil-komparizzjoni tiegħu fl-udjenzi u s-smigħ tagħha. Għan-nuqqas tiegħu "imputet sibi" izda ma jista' qatt jippretendi li jingħata xi indulgenza minn dan il-Kumitat biex bhal speci jiġi restitwit "in integrum" fil-proċeduri konkjużi*;

»*Il-konklużjoni ta' dawn il-konsiderazzjonijiet hi li l-aggravju sottomess lil dan il-Kumitat mhux fondat. Għal kuntrarju dan il-Kumitat, wara li eżamina l-artikolu 14(1) tal-Maltese Citizenship Act (Kap 188), jirriaferma u jadotta dak sostnut mill-kontro-parti illi la ż-żwieġ kien wieħed għal kollox simulat ġiet ottenuta bi frodi. Konsegwentement, l-ilment tal-persuna aggravata qed jiġi miċħud u l-Ordni ta' Privazzjoni tal-istess ċittadinanza għandha tibqa' treġġi*.

»Fit-22 ta' Ottubru 2019 il-Head of Unit tal-Agenzija Identity Malta (Citizenship Unit) Dr. Jessica Rita Galea infurmat lir-rikorrent permezz tal-ittra li l-Parliamentary Secretary for Reforms, Citizenship and Simplification of Administrative Processes ikkonfermat l-ordni li r-rikorrent jiġi deprivat miċ-ċittadinanza Maltija b'effett immedjat stante illi din giet akkwistata bi frodi u li għandu jirritorna d-dokumenti relattivi ossia c-certifikat tar-registrazzjoni bhala cittadin Malti.«

3. L-atturi fetħu l-proċeduri kostituzzjonali tallum sabiex jitolbu lill-qorti sabiex:

»1. Tiddikjara u tiddeċiedi li d-deċiżjoni tat-22 ta' Ottubru 2019 fuq imsemmija ma tiswiex għaliex tilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smiegħ xieraq kif sanċit mil-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali għaliex tistrieħ fuq rakkomandazzjoni ta' kumitat jew awtorita' li mhijiex imparzjali u li minnha infisha tidher li hija preġudikata;

»2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-proċedura addottata għat-tneħħija taċ-ċittadinanza u d-deċiżjoni sussegwenti tat-tneħħija ta' ċittadinanza Maltija tal-atturi Ashraf Khalil tilledi d-dritt fundamentali tiegħu għas-smiegħ xieraq u d-dritt fundamentali tal-esponenti għall-familja u privatezza hekk kif sanċiti taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem; u

»3. Konsegwentament tipprovdi rimedju.«

4. Il-konvenuti ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

»Illi b'din il-kawża ir-rikorrenti qegħdin jallegaw li d-deċiżjoni li ttieħdet mill-awtoritajiet konċernati fejn ittieħdet iċ-ċittadinanza Maltija tar-rikorrent Ashraf Khalil Mohammed Khalil hija leżiva tal-jeddijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

»**Fatti**

»Illi l-fatti ta' dan il-każ huma li fl-24 ta' Novembru tas-sena 1992 ġie iċċelebrat iż-żwieġ bejn r-rikorrent u Imedla Khalil nee' Falzon fir-Reġistru taż-Żwieġ f'Malta. Illi minn dan iż-żwieġ kellhom tifla unika Kyra Khalil li twieħdet fil-5 ta' Ġunju tas-sena 1993;

»Illi r-rikorrent u Imedla Khalil isseparaw, u l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet "Imelda Khalil vs Ashraf Khalil" (ċitazzjoni numru: 394/2001/1) fit-30 ta' Ġunju 2004 iddikjarat ż-żwieġ bħala null u għalhekk permezz tas-sentenza suċċitata ġie deċiż illi tali żwieġ ġie simulat mir-rikorrent u kien żwieġ ta' konvenjenza;

»Illi fit-12 ta' Marzu 2019 id-dipartiment taċ-Ċittadinanza infurmat lir-rikorrent li ai termini ta' l-artikolu 14(1) tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta, ingħatat ordni sabiex hu jiġi privat miċ-Ċittadinanza tiegħu stante li din ġiet akkwistata bi frodi. Tajjeb jingħad illi r-rikorrent jiddikjara huwa stess li rċieva tali ittra. Ir-rikorrent ġie infurmat fl-ittra surreferita li ai termini tas-subartikolu 4 tal-artikolu 14 tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta huwa kellu dritt għal inkjesta kif stabbilit f'dak l-att qabel l-ordni għad-deprivazzjoni taċ-ċittadinanza jiġi eżegwit u ġie avvżat li tali dritt kellu jiġi eżerċitat fi żmien 21 ġurnata min-notifika tal-istess ittra. Ir-rikorrent oġġezzjona għal tali ordni u għamel talba għal inkjesta relattiva.

»Illi fid-19 ta' Settembru 2019 ir-rikorrent ġie infurmat illi kienet ser tinżamm seduta fis-27 ta' Settembru 2019 fid-9 am fil-Qrati ta' Malta il-

Belt Valletta kif fil-fatt ġara. Il-Kumitat tal-Inkjesta għadda sabiex ċaħad it-talba tar-rikorrent;

»Illi fit-22 ta' Ottubru 2019 il-Head of Unit tal-Aġenzija Identity Malta (Citizenship Unit) Dr. Jessica Rita Galea infurmat lir-rikorrent permezz tal-ittra li l-Parliamentary Secretary for Reforms, Citizenship and Simplification of Administrative Processes kkonfermat l-ordni li r-rikorrent jiġi deprivat miċ-ċittadinanza Maltija b'effett immedjat stante illi din ġiet akkwistata bi frodi u li għandu jirritorna d-dokumenti relattivi ossia ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni bħala ċittadin Malti. F'tali ittra ġiet annessa l-ordni ta' deprivazzjoni tas-16 ta' Ottubru 2019 iffirmata mill-Onorevoli Julia Farrugia Portelli;

»Illi l-esponenti jissottometu li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:-

»Illi l-esponenti jeċepixxu illi m'hemm ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante illi l-Kumitat tal-Inkjesta maħtur ai termini tal-artikoli 14(4) u (5) tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta m'huwiex marbut bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan għaliex l-għoti ta' Ċittadinanza Maltija m'hijiex dritt Ċivili imma semmai taqa taħt l-isfera tad-dritt pubbliku. Dan jfisser illi tali proċeduri quddiem il-Kumitat tal-Inkjesta m'humiex suġġetti għall-import tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qrati Nostrana kif wkoll il-Qrati Ewropej kellhom l-okkażżjoni kemm il-darba illi jippronunzjaw ruħhom dwar dan il-punt. Per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet "**Fatiha Khallouf vs Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Avukat Ġenerali**" (69/11) deċiża fl-14 ta' Marzu 2014 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) (kif ikkonfermata fl-appell fil-31 ta' Ottubru 2014 mill-Qorti Kostituzzjonali) fejn ikkunsidrat illi:

»...

»Illi l-esponenti jeċepixxu illi l'anqas jista' jingħad illi jekk il-Ministru jiddeċiedi li jsegwi r-rakkommandazzjoni tal-Kumitat tal-Inkjesta huwa jkun qiegħed jikser l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Fuq dan il-punt l-esponenti jagħmlu referenza għad-deċiżjoni tal-Prim'Awla fis-sede Kostituzzjonali fis-sentenza tal-5 ta' April 2011 (Rikors Numru. 33/2006) fl-ismijiet "**Tarek Mohammed Ibrahim vs Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern u Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-Expatriates**" fejn ikkunsidrat illi:

»...

»Illi l-esponenti jeċepixxu illi ġialadarba l-għoti jew tneħħija ta' Ċittadinanza ma taqax taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, huwa sintomatiku illi ma jistax jkun hemm leżjoni ta' dan il-jedd kif qiegħed jiġi allegat mill-attur;

»Illi l-esponenti Direttur u s-Segretarju Parlamentari fissru b'mod l-aktar ċar illi l-ordni għat-tneħħija taċ-Ċittadinanza tar-rikorrent ħareġ b'effett

immedjat mis-16 ta' Ottubru 2019 u ikkomunikata fit-22 ta' Ottubru 2019. Dak illi qiegħed jittenta jagħmel ir-rikorrent permezz ta' din il-proċedura straordinarja hija illi jikkanċella dik id-deċiżjoni u jmur lura fis-sitwazzjoni fejn tali deċiżjoni ma ġietx meħuda; pretensjoni li bir-rispett ma tistgħax tintlaqa' bil-proċedura straordinarja odjerna;

»L-artikolu 14(1) tal-Kapitolu 188 jistipula l-ordni illi l-gvern jista' joħroġ sabiex jiddepriva persuna miċ-Ċittadinanza Maltija u jgħid illi:

»"*14. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista' b'ordni jippriva miċ-ċittadinanza tiegħu Maltija kull ċittadin ta' Malta li jkun hekk b'reġistrazzjoni jew naturalizzazzjoni jekk ikun sodisfatt li r-reġistrazzjoni jew ċertifikat ta' naturalizzazzjoni kien miksub permezz ta' qerq, rappreżentanza falza jew il-ħabi ta' xi fatt sostanzjali.*"

»Illi l-artikolu 14(4) tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għad-dritt ta' inkjesta quddiem il-Kumitat tal-inkjesta u jistipula illi:

»"*(4) Qabel ma jagħmel ordni skont dan l-artikolu, il-Ministru għandu jagħti lill-persuna li kontra tagħha jkun maħsub li jsir l-ordni avviż bil-mikrub biex jinformaha dwar ir-raġuni li għaliha huwa maħsub li jsir u dwar id-dritt tagħha għal inkjesta skont dan l-artikolu; u jekk dik il-persuna tapplika bil-mod preskritt għal inkjesta, il-Ministru għandu jibgħat il-każ quddiem kumitat ta' inkjesta li jkun magħmul minn chairman, li jkun persuna li jkollha esperjenza ġudizzjarja, maħtur mill-Ministru u minn dawk il-membri l-oħra maħtura mill-Ministru kif jidhirlu xieraq.*

»*(5) Il-Ministru jista' jagħmel regoli dwar il-prattika u l-proċedura li għandhom jiġu segwiti dwar kumitat ta' injesta maħtur skont dan l-artikolu, u dawn ir-regoli jistgħu, b'mod partikolari, jipprovdu għall-għoti lil kull kumitat bħal dak kull setgħat, drittijiet jew privileġġi ta' xi qorti, u biex kull setgħat hekk mogħtija jkunu jistgħu jiġu eżerċitati minn membru wieħed jew iżjed tal-kumitat.*

»Illi l-artikolu 19 tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi:

»"*19. Il-Ministru ma jkunx meħtieġ li jagħti xi raġuni għall-għoti jew għaċ-ċtaħda ta' xi applikazzjoni skont dan l-Att u d-deċiżjoni tal-Ministru fuq xi applikazzjoni bħal dik ma tkunx suġġetta għal appell jew reviżjoni f'xi qorti.*"

»Illi finalment l-artikolu 19(1) D u F tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta li jitkellem dwar istanzi ta' nullita' ta' żwieġ u jistipula illi:

»"*19.(1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:*

»*(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun viżjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;*

»*(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.”*

»Illi meta wieħed jasar dak kollu illi jistipulaw l-artikoli hawn suċċitati in rilevanza tal-materja in kwistjoni, jemerġu ħamest elementi ta' importanza vitali illi l-esponenti jissottomettu illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tevalwa meta tiġi biex tistħarreġ din il-kawża:

»a. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 2004 iddikjarat iż-żwieġ bejn ir-rikorrent u Imelda Khalil nee Falzon bħala null ai termini tal-Artikolu 19 (1) D u F tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi kien żwieġ simulat da parte r-rikorrent;

»b. Ġialadarba iż-żwieġ surreferit kien null u r-rikorrent akkwista tali Ċittadinanza permezz tal-istess żwieġ, l-esponenti kkunsidraw illi tali ċittadinanza ġiet akkwistata b'frodi u għaldaqstant għaddew sabiex ai termini tal-Artikolu 14(1) tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta jiddeprivaw lir-rikorrent miċ-ċittadinanza Maltija;

»ċ. Ir-rikorrent għamel użu mid-dritt sanċit fl-artikolu 14(4) tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta u cjoe' għadda sabiex saqsa għal inkjesta għad-deċiżjoni tad-deprivazzjoni taċ-ċittadinanza Maltija tiegħu tat-12 ta' Marzu 2019. L-inkjesta ssoktat permezz tas-seduta tas-27 ta' Settembru 2019 u l-esponenti ħarġu ordni ta' deprivazzjoni taċ-ċittadinanza fis-16 ta' Ottubru 2019 u konsegwentament infurmaw lir-rikorrent sabiex jirritorna ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni fit-22 ta' Ottubru 2019;

»d. Il-Kumitat tal-inkjesta m'huwiex tribunal jew Qorti u skond is-subartikolu 4 u 5 tal-artikolu 14 tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta, il-proċedura quddiem il-Kumitat tiġi regolata mill-Ministru;

»e. L-artikolu 19 tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi ma tistgħax ssir reviżjoni fil-mertu minn deċiżjoni li tirrigwarda Ċittadinanza.

»Illi għaldaqstant ir-rikorrent m'għandu ebda jedd oġġettiv illi jżomm iċ-Ċittadinanza. Ġialadarba s-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2004 li għaddiet in ġudikat iddeċiediet b'mod ċar illi ż-żwieġ tiegħu kellu jiġi ddikjarat null ai termini tal-artikolu 19(1) D u F tal-Kap. 255 (ossia simulazzjoni u żwieġ ta' konvenjenza) u li ċ-Ċittadinanza Maltija tiegħu ġiet akkwistata b'konsegwenza ta' tali żwieġ, allura m'hemm ebda dubju illi ċ-Ċittadinanza ġiet akkwistata bi frodi u bil-Liġi huwa kellu jiġi żvestit minn dak il-privileġġ illi s-Stat Malti kien ikkonċedilu. Il-Prim'awla fis-sede Kostituzzjonali tagħha fis-26 ta' Ġunju, 2015 (Ċitazzjoni Numru. 33/2006/1) fis-sentenza “Tarek Mohamed Ibrahim Vs Vici Prim'Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern u Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-Expatriates” fil-fatt kkunsidrat illi:

»“*meta r-rikorrent applika għaċ-ċittadinanza Maltija l-liġi kienet ċara li f'każ ta' qerq tista' titneħħa.*”

»L-esponenti jissottomettu illi l-għoti ta' Ċittadinanza Maltija m'hijiex dritt Ċivili imma semmai jaqa taħt l-isfera tad-dritt pubbliku. Dan jfisser illi tali proċeduri quddiem l-Kumitat tal-inkjesta m'humiex suġġetti għall-import

tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»Illi ġialadarba ġie ritenut b'ġiurisprudenza vasta illi f'proċeduri li jirrigwardaw it-tneħħija ta' ċittadinanza quddiem il-Kumitat tal-injesta u f'deċiżjonijiet ta' din l-għamla, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni m'huwiex applikabbli, l-esponenti jissottomettu illi l-vertenza odjerna tfalli minn kullimkien.

»Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrent illi l-ordni għad-deprivazzjoni taċ-ċittadinanza tiegħu jikser d-dritt tiegħu għal ħajja Ċivili u għal Familja kif protett taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jirreferu għas-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2007 fil-kawża **Dickson vs UK** il-Qorti Ewropeja qalet hekk – *The object of article 8 is essentially that of protecting the invidiaul against arbitrary interference by the public authorities*. Għalhekk l-indħil mill-awtorita' pubblika għandu jkun fil-każ speċifikament kontemplati fit-tieni paragrafu ta' l-Art 8 (ara d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja tal-24 ta' Settembru 2007 fil-kawża Tysiac vs Poland"). Fil-kuntest tal-Art. 8 dak li rjdi jiġi stabbilit huwa jekk tkunx teżisti ħajja familjari li ħaqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx ġustifikata (ara "Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et" 0 PAK / GV – 4 ta' Ottubru 2004).

»Illi meta ordni toħroġ skond il-Liġi, ma jistax jirriżulta illi jkun hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

»Illi fis-sentenza ġia ċitata ta' "Tarek Mohamed Ibrahim Vs Viċi Prim'Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern u Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-Expatriates" fil-fatt ġie kkunsidrat illi:

»...

»Illi l-esponenti jeċepixxu m'huwiex minnu kif sostnut mir-rikorrent illi huwa apolidu. Ai fini ta' kjarezza l-esponenti jgħidu wkoll li fir-rigward iċ-ċittadinanza t'uliedu, minkejja li l-missier ġie pprivat, it-tfal mhux ser jitilfu ċ-ċittadinanza Maltija. Apparti minn hekk, ir-rikorrent, minkejja li m'għadux Malti, huwa xorta jista' jibqa' jirrisjedi f'Malta, dejjem skont ir-regoli relattivi għall-permess ta' residenza.

»Illi l-esponenti jeċepixxu illi l-UNHCR Convention on the Reduction of Stateless tal-1961 fl-artikolu 8 jistipula illi:

»"*Article 8*

»*1. A Contracting State shall not deprive a person of its nationality if such deprivation would render him stateless. 2. Notwithstanding the provisions of paragraph 1 of this Article, a person may be deprived of the nationality of a Contracting State:*

» *(a) in the circumstances in which, under paragraphs 4 and 5 of Article 7, it is permissible that a person should lose his nationality;*

»*(b) where the nationality has been obtained by misrepresentation or fraud.*"

»Illi għaldaqstant minkejja illi l-esponenti jsostnu illi l-attur mhuwiex apolidu, anki f'dik il-peġġior ipoteżi huwa żbaljat ir-rikorrent meta jallega illi ma kienux jirrikorru ċ-ċirkostanzi sabiex l-Istat jirreovkalu ċittadinanza akkwistata bi frodi;

»Illi għalhekk m'hemm l-ebda ksur tal-jeddijiet invokati mir-rikorrenti.

»Bl-ispejjeż.«

5. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti sabiex tiċħad it-talbiet tal-atturi ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat:

»L-għoti ta' ċittadinanza Maltija m'hijiex dritt ċivili imma jaqa' fl-isfera tad-dritt pubbliku. Li jfisser illi l-proċeduri quddiem l-Kumitat tal-inkjesta m'humiex suggetti għall-import tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Fis-sentenza **Fatiha Khallouf vs Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Avukat Generali**" (69/11) deċiża fl-14 ta' Marzu 2014 minn din il-Qorti diversament ippreseduta (ikkonfermata fl-appell fil-31 ta' Ottubru 2014 mill-Qorti Kostituzzjonali) ingħad illi:

»*L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jgħodd biss f'kaz ta' deċizjoni tad-drittijiet ċivili u obbligazzjonijiet, jew fil-kaz ta' xi akkuza kriminali…. Għalhekk anke din is-sottomissjoni tar-rikorrenti ma tistax tiġi akkolta, stante li ċ-ċittadinanza ma hijiex "dritt ċivili" għall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li fuqu qed tistrieħ ir-rikorrenti. Inoltre fil-kawza fl-ismijiet "Abera Woldo Hiwot et vs Professur Dr. Henry Frendo et" deciza fit-18 ta' Novembru 2004 jingħad li "hija ġurisprudenza stabbilita illi l-proċeduri dwar tkeċċija ta' min mhuwiex cittadin tal-pajjiz ma humiex proċeduri li fihom tingħata decizjoni dwar drittijiet civili, u għalhekk ma jintlaqtux mill-provvedimenti dwar smigħ xieraq."*

»*Inoltre l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Frar 2003 fil-kaz ta' "Mamatkulov u Abdurasulovic kontra t-Turkija" fejn il-Qorti qalet – "The court reiterates that decisions regarding the entry, stay and deportation of aliens do not concern the determination of an applicant's civil rights or obligations or of a criminal charge against him, within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention (Maaouia v. France [GC], no 39652/98, § 40, ECHR 2000- X). «2. Consequently, Article 6 § 1 is not applicable in the instant case." Kwindi ma għandhiex raġun ir-rikorrenti tgħid illi s-smigħ mill-Bord tal-Inkjesta jivvjola l-artikolu 6 għaliex bid-deċiżjoni ta' dak il-bord, ma gewx determinati d-drittijiet ċivili tar-rikorrenti skont it-tifsira tal-istess Artikolu 6. Konsegwentament l-artikolu 6 lanqas biss japplika."*

»Ir-rikorrent ma jiċħadx, anzi jaqbel, li proċedura dwar it-tneħħija ta' ċittadinanza ma taqax taħt l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni jew Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni. Jargumenta iżda li (i) ġaladarba l-liġi tistabbilixxi proċedura ta' smigħ, din trid tiġi segwita u (ii) ġaladarba r-raġuni għat-tneħħija hija frode, li huwa reat kriminali, allura l-proċeduri għat-tneħħija jaqgħu taħt il-ħarsien ta' dawn il-provvedimenti.

»Dwar l-ewwel argument, billi mhux applikabbli d-disposizzjonijiet imsemmija, ma jistax ikun hemm rimedju taħt il-kappa ta' jeddijiet fundamentali; għalkemm jista' jkun hemm rimedju taħt il-liġi ordinarja.

»It-tieni argument huwa wieħed tassew inġenjuż, iżda ġuridikament inaċċettabbli. Għalkemm il-frode tista' tammonta fiċ-ċirkostanzi kongruwi għal reat kriminali; il-fatt li l-frode hi presuppost għat-tneħħija taċ-ċittadinza ma jfissirx li b'daqshekk il-proċeduri quddiem it-Tribunal ħadu s-sura ta' proċess kriminali.

»Ir-rikorrenti jilmentaw wkoll li t-tneħħija taċ-ċittadinanza tiksrilhom il-jedd għal ħajja privata u l-familja mħarsa mill-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni. Fir-risposta tagħhom, l-intimati stqarru li (i) minkejja li l-missier ġie pprivat miċ-ċittadinanza, it-tfal mhux ser jitiflu ċ-ċittadinanza Maltija u (ii) minkejja li m'għadux ċittadin Malti, xorta jista' jibqa' jirrisjedi f'Malta, dejjem skont ir-regoli relattivi għall-permess ta' residenza. Għalhekk ma jirriżultax li r-rikorrent sejjer jiġi mifrud minn familtu inkella li sejjer jiġi mkeċċi minn Malta.

»Ir-rikorrent jallega li huwa apolidu. B'danakollu ma jġib l-ebda prova fir-rigward. Min jallega jrid jipprova. Dan apparti li skont Artiklu 8 tal-UNHCR Convention on the Reduction of Stateless tal-1961 id-dritt li wieħed ma jisfax stateless hu soġġett għall-kundizzjoni li ma jkunx akkwista b'qerq iċ-ċittadinanza li tkun sejra titneħħielu:

»*1. A Contracting State shall not deprive a person of its nationality if such deprivation would render him stateless. 2. Notwithstanding the provisions of paragraph 1 of this Article, a person may be deprived of the nationality of a Contracting State*:

»*(a) in the circumstances in which, under paragraphs 4 and 5 of Article 7, it is permissible that a person should lose his nationality;*

»*(b) where the nationality has been obtained by misrepresentation or fraud."*«

6. L-atturi appellaw b'rikors tat-28 ta' Diċembru 2021 li għalih wieġbu l-konvenuti kollha - minbarra l-Avukat tal-Istat – fl-14 ta' Jannar 2022.

7. Nibdew bl-ewwel aggravju tal-atturi appellanti li bih jattakkaw dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti sabet li kemm fid-deċiżjoni tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplificazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi tat-22 ta' Ottubru 2019 - li permezz tagħha l-attur ġie mneżża' miċ-ċittadinanza Maltija tiegħu b'mod immedjat – kif ukoll fil-proċedura addottata għat-tneħħija tal-imsemmija ċittadinanza ma kien

hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom imħarsin bl-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

8. Skond huma, ġialadarba l-liġi tistabbilixxi proċedura ta' smiegħ din kellha tiġi segwita quddiem il-Kumitat tal-Inkjesta, indipendentement minn jekk l-għoti jew t-tneħħija taċ-ċittadinanza huwiex att ta' Stat jew le.

9. Huma jsostnu illi l-Kumitat tal-Inkjesta kien imissu tah l-opportunita' lill-attur appellant sabiex iressaq is-sottomissjonijiet u l-provi kollha li xtaq iressaq sabiex jipprova jikkonvinċi lill-imsemmi kumitat li ż-żwieġ tiegħu ma' Imelda Khalil *nee'* Falzon fl-24 ta' Novembru, 1992, ma kienx wieħed ta' konvenjenza jew simulat, iżda kien wieħed validu skond il-liġi.

10. Iżidu jgħidu li l-Kumitat tal-Inkjesta kien imissu sema' dak kollu li kellu xi jgħid l-attur appellant dwar iż-żwieġ li kellu ma' Imelda Khalil *nee'* Falzon peress li bħala konsegwenza tat-tneħħija taċ-ċittadinanza tiegħu ntlaqtu wkoll id-drittijiet ċivili tiegħu.

11. L-ewwel aggravju tal-atturi appellanti ġie mfisser hekk:

> »1. Għar-rigward tal-argument li joħroġ mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa ovvju li:
>
> »i. Ġja la darba l-liġi tistabilixxi proċedura ta' smiegħ din għandha tiġi segwita. Independentament mill-fatt li l-għoti jew tneħħija taċ-ċittadinanza huwa "att ta' Stat" il-liġi tal-iStat li ħolqot proċedura ta' smiegħ trid allura tiġi rispettata għaliex jekk le jirriżulta b'mod ċar u manifest li jkun hemm nuqqas ta' smiegħ xieraq.
>
> »ii. Tant huwa ċar in-nuqqas ta' smiegħ xieraq f'dan il-każ illi t-Tribunal oħroġ il-għaġeb irnexxielu jikkonkludi li l-attur kien frawdolenti fl-otteniment taċ-ċittadinanza tiegħu u dan mingħajr ma l-attur tħalla jirribatti bil-mezzi li tagħtih il-liġi allegazzjoni ta' din ix-xorta. Il-frodi tista' tammonta f'ċirkostanzi kongruwi għal reat kriminali kif qalgħet l-Ewwel Onorabbli Qorti iżda t-tneħħija taċ-ċittadinanza abbażi ta' tali akkuża tammonta għal ġudizzju li jolqot id-drittijiet taċ-ċittadin privat minkejja li l-

proċedura quddiem il-Bord tal-Inkjesta ma jkunux ħadu sura ta' proċess kriminali.

»iii. It-tneħħija taċ-ċittadinanza se tippriva lill-attur minn ċertu drittijiet li normalment huwa intitolat għalihom ċittadin Malti, bħal per eżempju li jibgħat fil-Parlament Malti persuni li għalihom jivvota u li mill-promulgazzjoni tal-liġijiet li jgħaddu mill-Parlament Malti jaffettwaw id-drittijiet ta' kull ċittadin.«

12. Huwa minnu illi fis-seduta tal-Kumitat ta' Inkjesta tas-27 ta' Settembru 2019 l-attur appellant ma tħalliex iressaq provi li jxenu l-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 2004 fl-ismijiet Imelda Khalil *v.* Ashraf Khalil. [1]

13. Dan il-fatt ġie kkonfermat kemm mid-difensur tal-attur appellant matul l-imsemmija seduta tas-27 ta' Settembru, 2019 quddiem il-Kumitat tal-Inkjesta, kif ukoll mill-attur appellant innifsu.

14. Fl-affidavit tagħha tas-16 ta' Frar 2021, l-avukat tal-attur qalet hekk:

»Nispjega li fl-ewwel seduta kienet saret talba sabiex jitressqu provi sabiex jirribattu l-allegazzjonijiet ta' Imelda rigward iż-żwieġ tal-partijiet, liema talba ġiet miċħuda. Jingħad li min riċerka li għamilt irriżulta li fil-proċeduri għall-ottjeniment tal-annullament, Ashraf Khalil kien kontumaċi u ma ħax sehem attiv fihom.

»Irriżulta li Ashraf Khalil ma kellux possibilita' li jiddefendi l-posizzjoni tiegħu tant li din is-seduta kienet l-ewwel u l-unika seduta li l-Bord ta' Inkjesta ippermetta u li matulha filwaqt li l-istess Ashraf prova jispjega lil Bord li hu ma kienx jaf bil-kawża u li l-allegazzjonijiet ta' Imelda ma kienu xejn għajr allegazzjonijiet totalment inveritieri, il-Bord baqgħa jinsisti fuq is-sentenza fuq indikata li kienet għaddiet in ġudikat.« [2]

15. Fl-affidavit tiegħu tas-16 ta' Frar, 2021 l-attur appellant imbagħad spjega illi għalkemm l-avukat tiegħu kienet ressqet talba quddiem il-Kumitat tal-Inkjesta sabiex tressaq provi li jxejnu l-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti

[1] Imelda Khalil *v.* Ashraf Khalil, P.A.Q.Ċ. (S.K.), 30 ta' Ġunju 2004 (Rik. Kost. Nru. 394/2001/1). F'din is-sentenza l-qorti annullat iż-żwieġ ta' bejn Imelda Khalil *nee'* Falzon u l-attur appellant peress li sabet li dan kien żwieġ ta' konvenjenza jew żwieġ simulat. Din is-sentenza ma ġietx appellata u lanqas ritrattata. Lanqas ma ġew intavolati proċeduri ġudizzjarji li jattakkaw il-provi li ġew prodotti matul l-andament ta' dawn il-proċeduri ta' annullament.

[2] Ara fol. 60 tal-proċess.

Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 2004, din it-talba ġiet miċħuda. Hu jgħid hekk:

> »23. Illi nhar is-27 ta' Settembru 2019 dhert quddiem il-Kumitat ta' Inkjesta flimkien mal-konsulent legali tiegħi iżda ma' ingħatajtx ċans nitkellem dwar il-każ tiegħi. Ġejt mistoqsi biss nikkonferma xi dati; tażżwieġ, tal-ksib taċ-ċittadinanza u tal-annullament u s-seduta waqfet hemm. Dak inhar ġejna nfurmati li l-kawża ta' l-annullament ma ġietx appellata u hija deċiża. Nerġa' nispjega li jien ma kontx parti mill-kawża ta' l-annullament. L-avukata tiegħi kienet talbet li tressaq xhieda sabiex inxejnu l-allegazzjonijiet fost oħrajn iżda t-talba tagħha ġiet miċħuda. Ma stennejtx li se nkun mċaħħad milli nesprimi ruħi fuq l-ordni li kellha ssir u nemmen li ġejt mċaħħad mid-dritt għal smiegħ xieraq.« [3]

16. Madanakollu, kif intqal fir-rapport tal-istess Kumitat tal-Inkjesta, kemm l-attur appellant kif ukoll id-difensur tiegħu tħallew iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom quddiem l-istess kumitat sabiex jippruvaw jikkonvinċu lill-membri tiegħu illi "r-relazzjoni tiegħu ma' martu kienet waħda tajba u mibnija fuq imħabba reċiproka." [4]

17. Minbarra dan, huwa prinċipju stabbilit – kemm fil-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja – illi kwistjonijiet dwar ċittadinanza ma jikkwalifikawx bħala "dritt jew obbligu ċivili" għall-finijiet tal-art.6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-art.39 tal-Kostituzzjoni u konsegwentement ma jintlaqtux bl-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u bl-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

18. Fil-każ ta' <u>Sergey Smirnov *v.* Russia</u> [5] il-Qorti Ewropeja ipprovdiet b'mod ċar illi:

> »... neither a right to citizenship nor a right to a passport is a civil right, given that it is not of a pecuniary or otherwise of a private character (see *Šoć v. Croatia* (dec.), no. <u>47863/99</u>, 29 June 2000; *Karassev and family v. Finland*, no. <u>31414/96</u>, Commission decision of 14 April

[3] Ara fol. 47 tal-proċess.
[4] Ara fol. 156 tal-proċess.
[5] Q.E., 6 ta' Lulju 2006, App. Nru. 14085/04.

> 1998; *Peltonen v. Finland*, no. 19583/92, Commission decision of 20 February 1995).«

19. Hekk ukoll fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-14 t'April, 1998 fl-ismijiet Karassev *v.* Finland ingħad hekk:

> »The question arises whether the proceedings before the President of the Republic relating to Pasi Karassev's request to be recognised as a Finnish citizen by birth involved a "determination" of his "civil rights and obligations" within the meaning of Article 6 para. 1 (Art. 6-1). For the applicability of this provision it is sufficient that the outcome of the proceedings is "decisive for private law rights and obligations" (see, e.g., Eur. Court HR, H. v. France judgment of 24 October 1989, Series A no. 162, p. 20, para. 47).
>
> »Even assuming that applicant Pasi Karassev could arguably claim a "right" to Finnish citizenship, the Commission cannot find that this right was "civil", given that it was not, as such, of a pecuniary or otherwise of a private law character (cf. No. 19583/92, Dec. 20.2.95, D.R. 80-A, pp. 38, 45). The Commission reaches the same conclusion as regards any "obligation" which might have been determined by the citizenship proceedings.
>
> »It follows that this part of the application is likewise incompatible ratione materiae with the Convention within the meaning of Article 27 para. 2 (Art. 27-2).«

20. Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) tat-28 ta' Frar, 2007 (rik. kost. nru 33/2006) fl-ismijiet Tarek Mohammed Ibrahim *v.* Viċi Prim Ministru *et* imbagħad intqal hekk:

> »... l-għoti jew tneħħija ta' ċittadinanza u l-konsegwenti tneħħija ta' persuna barranija mill-pajjiż m'humiex drittijiet li joħorġu mill-Konvenzjoni Ewropea.
>
> »...
>
> »Meta wieħed iħares lejn l-artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja u jeżamina l-lista tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali mkien fil-lista ma hemm imniżżel id-dritt tal-għoti u tneħħija taċ-ċittadinanza. Din il-lista tidher li hija waħda tassattiva u eżawrjenti. Infatti fid-deċiżjoni tal-każ dwar applikazzjoni numru 11278/84 Family K and W vs The Netherlands, il-Qorti Ewropeja qalet hekk:
>
> »"It is true that no right of an alien to enter or reside in a particular country, nor a right not to be expelled from a particular country is as such guaranteed by the Convention."

»Ukoll kwistjonijiet dwar ċittadinanza ma jikkwalifikawx bħala "dritt jew obbligu ċivili għall-finijiet tal-artikoli 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni.

»...

»Il-Qorti tħoss li materja dwar ċittadinanza hija kwistjoni ta' dritt pubbliku u ma tikkwalifikax taħt "dritt jew obbligu ċivili" għall-finijiet tal-artikoli 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni. Dan iwassal li d-deċiżjoni tal-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja dwar ċittadinanza tar-rikorrent ma tinkwadrax fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba li hija materja ta' dritt pubbliku. Anqas ma huwa "dritt jew obbligu ċivili" d-dritt tar-rikorrent li jibqa' jgħix Malta.«

21. Din il-qorti għalhekk taqbel ma' dak li pprovdiet l-ewwel qorti f'paġna 16 tas-sentenza appellata illi "l-għoti ta' ċittadinanza Maltija m'hijiex dritt ċivili imma jaqa' fl-isfera tad-dritt pubbliku. Li jfisser illi l-proċeduri quddiem l-Kumitat tal-inkjesta m'humiex suġġetti għall-import tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni."

22. Anzi żżid tgħid illi dawn l-artikoli ma kinux applikabbli quddiem il-Kumitat ta' Inkjesta wkoll peress li l-istess kumitat ma kienx la qorti u lanqas awtorita' ġudikanti mwaqqfa b'liġi, imma sempliċiment kumitat li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-intimat Ministru li jista' jagħżel li jaċċetta jew jirrifjuta r-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat. [6]

23. Kif jgħidu l-awturi DJ Harris, M O'Boyle & C Warbrick għall-finijiet tal-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea:

»an important feature of a tribunal is that it must be competent to take legally binding decisions; the capacity to make recommendations or give advice (even if normally followed) is not enough.«

24. Il-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti fis-sens li "l-proċeduri quddiem l-Kumitat tal-inkjesta m'humiex suġġetti għall-import tal-artikolu 6

[6] Ara, f'dan is-sens, Tarek Mohammed Ibrahim *v.* Viċi Prim Ministru *et*, P.A.Q.Ċ. (S.K.), 28 ta' Frar 2007 (paġna 14 *et seq* tas-sentenza).

tal-Konvenzjoni Ewropea jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta" kienet għalhekk waħda ġusta u korretta fiċ-ċirkostanzi.

25. Ankelikieku l-proċeduri quddiem il-Kumitat tal-Inkjesta jintlaqtu bl-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni – ħaġa li, kif intqal aktar 'l fuq, din il-qorti sabet li m'huwiex il-każ – xorta waħda jibqa' l-fatt li fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2004 fl-ismijiet <u>Imelda Khalil *v.* Ashraf Khalil</u> il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ddikjarat iż-żwieġ ta' bejn l-attur appellant u Imelda Khalil *nee'* Falzon tal-24 ta' Novembru, 1992 bħala null u bla effett abbażi ta' l-art. 19(1)(d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Fis-sentenza tagħha l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) qalet hekk:

> »Illi mill-provi joħroġ ċar illi l-kontendenti iżżewġu wara biss tliet xhur li kienu ilhom jafu lil xulxin. L-attriċi kellha biss tmintax-il (18) sena u l-konvenut kellu sitta u għoxrin (26) sena u kien ta' nazzjonalita' Eġġizjana. Jidher illi kien hemm żewġ konsiderazzjonijiet li wasslu lill-partijiet sabiex jieħdu din id-deċiżjoni u ċioe' l-fatt illi l-konvenut ma kellux il-permessi neċessarji sabiex jibqa' Malta kif ukoll il-fatt illi l-attriċi kienet wara ftit ħarġet tqila mill-konvenut. Preparazzjoni għal ħajja miżżewġa flimkien ma kienx hemm u jidher illi l-ebda pjanijiet ma kienu saru f'dan ir-rigward. Lanqas jidher illi l-partijiet kienu biss tkellmu dwar il-ħajja miżżewġa futura tagħhom. L-attriċi kienet infatwata wara l-konvenut li min-naħa tiegħu għamel profitt mis-sentimenti tagħha lejh sabiex jakkwista dak illi kellu bżonn.
>
> »...
>
> »Illi jidher illi l-konvenut kien iktar interessat biex igħix ħajja ta' xalar milli li jerfa' r-responsabbiltajiet tal-ħajja miżżewġa. Fil-fatt ftit wara ż-żwieġ huwa beda joħroġ fil-għaxijiet u jidħol lura d-dar kmieni fil-għodu, meta mbagħad kien iqatta' l-ġurnata rieqed.
>
> »Illi dan kollu jwassal lil Qorti għal konvinċiment illi l-konvenut ma kellux dik il-maturita' affettiva u ta' ġudizzju neċessarji sabiex huwa jintrabat fil-kuntratt taż-żwieġ. Illi huwa ma kienx irrifletta fuq dan il-pass u li lanqas kellu l-interess fuq kollox li jagħmel dan. Dan kollu jidher ċar mill-fatt illi huwa fl-ebda mument ma għex il-ħajja miżżewġa mal-attriċi. Il-kunsens matrimonjali tiegħu ngħata mingħajr huwa ma kien kapaċi jifhem u jirrifletti fuq dak li kien dieħel għalih. Illi għalhekk l-Qorti tikkonkludi illi l-konvenut ma kellux dik id-diskrezzjoni tal-ġudizzju neċessarja sabiex huwa jagħti kunsens matrimonjali validu.

»Illi din il-Qorti tħoss li wkoll l-attriċi kienet affetta b'nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u dan peress li tant kienet infattwata bil-konvenut u kienet lesta li tagħmel kollox għalih għalkemm kien ovvjament qed jużaha f'kollox; iżda l-biża tagħha li l-istess konvenut ma jibqax Malta u wkoll il-fatt li hija kienet tqila wasluha sabiex tieħu d-deċiżjoni li tiżżewweġ, minkejja li ma' kellha xejn ippreparat u ma' kienet qalet xejn lill-ġenituri tagħha.

»...

»... Illi mix-xhieda ta' Stephen Falzon, rappresentant tal-Uffiċċju taċ-Ċittadinanza, jidher illi l-konvenut irnexxielu jottjeni iċ-ċittadinanza Maltija wara sena miż-żwieġ tiegħu mal-attriċi.

»...

»Illi l-Qorti għalhekk mill-assjem tal-provi ma għandha l-ebda dubbju illi l-kunsens tal-konvenut kien totalment simulat u dana peress li fil-mument tal-għotja tal-kunsens matrimonjali huwa kien qiegħed jeskludi iż-żwieġ bhala kuntratt fit-totalita' tiegħu. Dan għalih kien biss żwieġ ta' konvenjenza.

»...

»Illi mill-konklużżjonijiet raġġunti inoltre, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi l-konvenut għandu jiġi ikkundannat iħallas il-manteniment lill-attriċi u dana għal ħames snin li ġejjin u dana peress illi kien il-konvenut li kien in mala fede u għalhekk l-Qorti għandha tikkomina kontra tiegħu dak ipprovdut fl-artikolu 20 ta' l-Att Dwar iż-Żwieġ ...

»Illi għalhekk mill-kumpless tal-provi prodotti jirriżulta illi t-talba attriċi għandha tiġi milqugħa u dana ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) u (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta u dana peress illi l-kunsens tal-konvenut u ta' l-attriċi kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewwġa, l-attriċi għaliex kienet infattwata fuq il-konvenut, u min-naħa tal-konvenut peress li ċertament dan kellu nuqqas ta' deskrizzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u fuq l-obbigi minnu naxxenti peress li ma kienx kapaċi u lanqas dispost li jerfa' r-responsabbiltajiet taż-żwieġ, kif ukoll peress illi l-kunsens tal-attur kien ivvizjat b'simulazzjoni totali. Illi anke' it-tieni talba attriċi għandha tiġi milqugħa fid-dawl madanakollu tal-konsiderazzjonijiet magħmula iktar 'il fuq f'dan ir-rigward.«

26. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għalhekk sabet illi kemm il-kunsens tal-attur appellant kif ukoll il-kunsens tal-*ex* mara tiegħu Imelda Khalil *nee'* Falzon kien vizzjat: il-kunsens tiegħu kien totalment simulat peress li eskluda ż-żwieġ bħala kuntratt fit-totalita' tiegħu u l-kunsens tagħha kienet vizzjat b'nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa. Il-qorti

għalhekk annullat iż-żwieġ ta' bejniethom peress li sabet li dan ma kien xejn ħlief żwieġ ta' konvenjenza.

27. Din il-qorti tosserva li l-attur appellant la ressaq provi fil-kawża ta' annullament taż-żwieġ – fil-fatt baqa' kontumaċi, indikazzjoni, fiha nfisha, tal-interess jew nuqqas ta' interess tiegħu fil-validità taż-żwieġ – u lanqas appella mis-sentenza.

28. L-argumenti tiegħu għalhekk mhux biss m'humiex imsaħħa b'xhieda iżda anzi kontradetti b'sentenza li saret finali u li, għalkemm kellu kull mezz biex jagħmel hekk, l-attur appellant qatt ma impunjaha jew fittex jimpunjaha.

29. Din il-qorti tosserva wkoll illi kien biss wara li ġie mgħarraf mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza fit-12 ta' Marzu 2019 illi *ai termini* tal-art. 14(1) tal-Kap. 188 tal-Liġijiet ta' Malta ngħatat ordni sabiex hu jiġi pprivat miċ-ċittadinanza tiegħu billi din ġiet akkwistata bi frodi illi l-attur ħareġ bl-argument illi ż-żwieġ tiegħu ma' Imelda Khalil *nee'* Falzon ma kienx wieħed simulat jew żwieġ ta' konvenjenza, meta dak l-argument, li kieku tassew jemmen li hu minnu, kellu jressqu fil-proċeduri ta' annullament.

30. Hu għalhekk dam ftit aktar minn ħmistax-il sena sabiex iressaq dan l-ilment tiegħu fis-sens li ż-żwieġ tiegħu, fil-fatt, kien wieħed validu skond il-liġi u mhux kif ikkonkludiet il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-sentenza tagħha – li ma ġietx appellata – tat-30 ta' Ġunju 2004.

31. Fil-frattemp iżżewweġ persuna ta' nazzjonalita' Eġizzjana u li minnha għandu t-tfal, iż-żewġ atturi l-oħra, li twieldu hawn Malta u huma ċittadini

Maltin, u għalhekk ċertament li wara li ngħatat is-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Ġunju 2004, huwa fehem sew l-implikazzjonijiet tagħha (għaliex kieku ma kienx jerġa' jiżżewweġ).

32. Fid-dawl tas-suespost, din il-qorti hija tal-fehma illi ankelikieku kienu applikabbli l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-proċeduri quddiem il-Kumitat tal-Inkjesta, xorta waħda ma jistax jingħad illi l-attur appellant ġie mċaħħad mid-dritt fondamentali tiegħu għal smiegħ xieraq imħares bl-art. 39 tal-Kostituzzjoni u bl-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Kif tajjeb osserva l-Kumitat tal-Inkjesta, is-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-30 ta' Ġunju, 2004 *"tikkostitwixxi res judicata* u tagħmel stat fil-konfront tiegħu" u ankelikieku kienu applikabbli l-artikoli hawn fuq imsemmijin tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Kostituzzjoni, il-proċeduri quddiem il-Kumitat tal-Inkjesta ċertament ma kinux il-*forum* addattat sabiex jattakka din is-sentenza.

33. Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, l-ewwel aggravju tal-atturi appellanti mhux ser jintlaqa'.

34. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju tal-atturi appellanti li jolqot dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ddikjarat li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom imħarsin bl-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

35. Skond huma, l-ewwel qorti ma jmisshiex ibbażat "il-permanenza tal-attur f'dawn il-gżejjer u l-fatt li mhux se jinfired minn familtu ... biss fuq sempliċi risposta tal-Avukat tal-iStat ..." Isostnu illi ma nġabet "la ebda prova u lanqas l-ebda assigurazzjoni li l-missier jista' jibqa' jirrisjedi f'dawn il-

gżejjer. Lanqas intqal x'inhuma dawn ir-regoli relattivi għall-permess ta' residenza". Iżidu jgħidu illi l-ewwel qorti ma jmisshiex skartat il-fatt li bit-tneħħija taċ-ċittadinanza Maltija tiegħu l-attur appellant sar apolidu.

36. It-tieni aggravju tal-atturi appellanti ġie mfisser hekk:

> »2. Għar-rigward tal-argument li joħroġ mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti straħet fuq dak li qalu l-intimati u cioe:
>
> »i. "Minkejja li l-missier ġie ipprivat miċ-ċittadinanza t-tfal mhux se jitilfu ċ-ċittadinanza Maltija;
>
> »ii. Minkejja li m'għadux ċittadin Malti xorta jista' jibqa' jirresjedi f'Malta."
>
> »Hawnhekk l-Ewwel Qorti straħet fuq sempliċi dikjarazzjoni tal-Avukat tal-iStat mingħajr ma inġabet la ebda prova u lanqas l-ebda assigurazzjoni li l-missier jista' jibqa' jirrisjedi f'dawn il-gżejjer. Lanqas intqal x'inhuma dawn ir-regoli relattivi għall-permess ta' residenza. Hu għalhekk ċar illi l-permanenza tal-attur f'dawn il-gżejjer u l-fatt li mhux se jinfired minn familtu se tkun ibbażata biss fuq sempliċi risposta tal-Avukat tal-iStat li jista' ma kellu ebda awtorita' li jasserija sew mis-superjur tiegħu kif ukol mid-dipartiment jew dekasteru governattiv li japprova applikazzjonijiet għar-residenza permanenti f'dawn il-gżejjer.
>
> »Huwa sorprandenti ukoll kif l-Ewwel Onorabbli Qorti skartat il-lanjanza tal-fatt li l-appellanti huwa apolidu billi ċitat il-Konvenzjoni tal-UNHCR Convention on the Reduction of Stateless Persons tal-1961 li wieħed ma jisfax stateless huwa soġġett għall-kundizzjoni li jakkwista b'qerq iċ-ċittadinanza li sejra titteħidlu. Huwa propju għalhekk li l-attur irid jirribatti u jikkumbatti l-akkuża ta' qerq bħala raġuni għaliex itteħditlu ċ-ċittadinanza, għaliex propju konsegwenza ta' hekk minħabba l-fatt li ma ingħatax il-faċilita u fakulta li jirribatti tali allegazzjoni huwa illum spiċċa apolidu x'ħin tneħħitlu ċ-ċittadinanza Maltija.«

37. Huwa minnu dak li jgħidu l-atturi appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom illi l-ewwel qorti bbażat "l-permanenza tal-attur f'dawn il-Gżejjer u l-fatt li mhux se jinfired minn familtu ... biss fuq sempliċi risposta tal-Avukat tal-iStat ..." [7]

38. Madanakollu, huwa minnu wkoll, illi l-atturi appellanti ma ressqu l-ebda provi li juru li nħarġet xi ordni ta' tneħħija kontra l-attur appellant jew li l-

[7] Ara fol. 174 tal-proċess.

istess attur appellant issa ser jiġi mkeċċi minn Malta ġaladarba m'għadux ċittadin Malti

39. Kif intqal fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tas-26 ta' Ġunju, 2015 (Ċit. Nru. 33/2006/1) fl-ismijiet <u>Tarek Mohamed Ibrahim v. Viċi Prim'Ministru et</u>:

> »ii. 'Il-fatt li r-rikorrent tneħħietlu ċ-ċittadinanza ma jfissirx li tilef id-dritt li jgħix f'Malta (ara Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217 fejn per eżempju l-liġi tikkontempla applikazzjoni għall-ħruġ ta' *residence permit*). F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża R. Louay vs Viċi Prim'Ministru et tal-25 ta' Mejju 2012 (§46-§48). Inoltre, lanqas m'hemm xi prova li nħarġet xi ordni ta' tneħħija kontra r-rikorrent.«

40. Hekk ukoll fil-każ ta' <u>Ramadan *v.* Malta</u> li ġie deċiż mill-Qorti Ewropea fil-21 ta' Ġunju 2016 intqal hekk:

> »54. Regarding the applicant's victim status in relation to the complaint that his removal from Malta would affect his private and family life, the Court notes that the authorities have not issued a removal order. Indeed, no steps towards such action have been taken at any point since 2007, when the order to revoke his citizenship was issued and was thus enforceable. Although during the intervening period proceedings concerning the applicant's complaints have been pending before the domestic courts and subsequently before the Court, neither the domestic courts nor the Court have ordered interim measures (capable of giving any legitimacy to the letter sent to the authorities by the applicant's legal representative – see paragraph 28 above). It follows that the authorities were under no obligation to desist from deporting the applicant, had they inteded to do so.
>
> »55. Furthermore, even if such a removal order were to be issued, the applicant may appeal against it to the Immigration Appeals Board (see paragraph 36 above). The Court reiterates that where expulsions are challenged on the basis of alleged interference with a person's private and family life (unlike complaints concerning Articles 2 and 3), it is not imperative, in order for a remedy to be effective, that it should have automatic suspensive effect... However domestic courts must seriously examine the circumstances and legal arguments in favour of or against a violation of Article 8 of the Convention in the event of the removal order being enforced. Haste in the execution of a removal order may have the effect of rendering the available remedies ineffective in practice and therefore inaccessible (ibid., § 95). At this stage there is no indication that any eventual removal would be executed in a perfunctory manner and with such haste that it would have the effect of rendering

> the available remedies ineffective in practice and therefore inaccessible...
>
> »...
>
> »90. As to the consequences of the revocation of the applicant's Maltese citizenship, the Court notes that, as held above (see paragraph 56 above), the applicant is not threatened with expulsion from Malta. Importantly, although the applicant's Russian wife has lost her exempt person status, the applicant's sons VR and VL have not lost their Maltese citizenship, nor have there been any attempts to that effect by the authorities in the nine years since the applicant was deprived of his Maltese citizenship. Furthermore, as admitted by the applicant himself, to date he has been able to pursue his business and continues to reside in Malta.
>
> »91. ... ... ... In this connection, the Court notes that various possibilities appear to be open to the applicant (see paragraphs 37 and 79 above), such as applying for a work permit, and subsequently a residence permit, which could eventually again make him eligible for citizenship. However, the applicant has taken no such steps, which could have prevented any adverse impact on his private and family life..., and no valid explanation has been given for his inaction...«

41. Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, u peress ukoll li ma tressqu l-ebda provi li juru l-konsegwenzi li setgħu sofrew il-membri familjari tal-attur appellant minħabba l-fatt li hu m'għadux ċittadin Malti, dan l-ewwel argument li tressaq fit-tieni aggravju tal-atturi appellanti m'huwiex legalment fondat u konsegwentement mhux ser jintlaqa'.

42. L-argument l-ieħor li jressqu fit-tieni aggravju tagħhom huwa fis-sens illi b'konsegwenza tal-ordni tat-tneħħija taċ-ċittadinanza Maltija tiegħu l-attur appellant spiċċa bla ċittadinanza, bil-konsegwenzi kollha li dan il-fatt iġib miegħu.

43. Din il-qorti hija tal-fehma illi dan l-argument tal-atturi appellanti, bħal dak ta' qablu, wkoll huwa legalment infondat u mhux ser jintlaqa'.

44. Fl-ewwel lok, l-atturi appellanti ma ressqu l-ebda provi li juru li l-attur appellant kien tilef iċ-ċittadinanza Eġizzjana tiegħu meta sar ċittadin Malti. Bħala prova ressaq il-kelma tiegħu biss.

45. Kif ipprovdiet din il-qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Tarek Mohamed Ibrahim *v.* Viċi Prim Ministru *et* (Rik. Kost. Nru. 33/2006):

> »... ... ... it-tneħħija ta' ċittadinanza miksuba, bħal ma kienet dik tal-attur, ma twassal għal stat ta' *statelessness* sakemm ma jintweriex li biex kiseb it-tieni ċittadinanza l-attur kellu bilfors jitlef dik ta' l-oriġini mingħajr possibilita' li jiksibha lura.«

46. Bħala prova tat-telfien taċ-ċittadinanza oriġinali tiegħu l-attur appellant seta' jressaq dokumenti uffiċjali maħruġa mill-Gvern tal-Eġittu li juru li hu m'għadux ċittadin Eġizzjan. Din il-prova kienet tkun l-aqwa prova li r-rikorrent m'għadux ċittadin Eġizzjan. Din il-prova l-attur, jew bi traskuraġni jew għax hekk qabillu, m'għamilhiex.

47. Fit-tieni lok, jekk l-attur appellant kien tassew irrinunzja għaċ-ċittadinanza Eġizzjana tiegħu, ma ressaq l-ebda provi li juru li huwa fittex jerġa' jiksibha meta sar jaf li, minħabba l-qerq tiegħu, kien sejjer jitlef iċ-ċittadinanza Maltija. Hu ġie mgħarraf illi l-konvenut Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi ikkonferma l-ordni li hu għandu jiġi mneżżа miċ-ċittadinanza Maltija tiegħu b'mod immedjat fit-22 ta' Ottubru, 2019. Għalhekk kellu żmien biżżejjed biex jieħu l-inizjattiva li jfittex jieħu lura ċ-ċittadinanza li kellu qabel – jekk tassew kien tilifha – iżda ma tressqet l-ebda prova li turi li għamel xi ħaġa b'dan l-għan. Fil-fatt, lanqas sallum –

ftit iktar minn sentejn u nofs wara – ma nġiebet prova li l-attur appellant ħa xi inizjattiva bħal dik.

48. Kif ipprovdiet il-Qorti Ewropeja fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Ġunju, 2016 fil-każ ta' <u>Ramadan *v.* Malta:</u>

> »92. ... in connection with the applicant's claim that he is currently stateless, the Court notes that although, according to a letter by the Consul of the embassy of the Arab Republic of Egypt, the applicant's request to renounce his Egyptian nationality was approved and his Egyptian passport withdrawn (see paragraph 10 above), he has not provided the Court with any official document (such a presidential decree, which appears to be issued in such circumstances) confirming such renunciation. Nor has the applicant provided any information as to the possibilities of reacquiring Egyptian nationality (in the event that he has truly renounced that nationality).«

49. Għandu jingħad ukoll illi fil-każ tallum il-kisba taċ-ċittadinanza Maltija kienet vizzjata *ab initio* għaliex inkisbet bis-saħħa ta' żwieġ simulat jew żwieġ ta' konvenjenza li l-attur appellant daħal fih biss u apposta biex jikseb iċ-ċittadinanza Maltija. L-attur appellant kien jaf sa mill-bidunett illi ċ-ċittadinanza li kiseb kienet prekarja għaliex maħruġa taħt kondizzjoni – assenza ta' qerq – li kien jaf sa mill-bidunett li ma kienx ħarisha.

50. Għal dawn ir-raġunijiet l-ordni ta' tneħħija taċ-ċittadinanza – maħruġa wara li kien aċċertat li ċ-ċittadinanza nkisbet b'qerq, għax dikjarat b'sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li ż-żwieġ tal-attur appellant ma' Imelda Khalil *nee'* Falzon, li bis-saħħa tiegħu l-attur kiseb iċ-ċittadinanza, kien żwieġ ta' konvenjenza – ma kien arbitrarju xejn iżda motivat b'raġuni li l-liġi stess tqis bħala raġuni għat-tneħħija taċ-ċittadinanza lil min kisibha bħal ma kisibha l-attur. Lanqas ma jista' jingħad li hemm nuqqas ta' proporzjonalita' fil-fatt li ċittadinanza miksuba b'qerq tintilef hekk kif jinkixef il-qerq; anzi hija ħaġa meħtieġa f'soċjeta'

demokratika illi ċ-ċittadinanza ta' pajjiż ma tkunx svalutata billi titħalla li liberament tinkiseb b'qerq.

51. It-tieni argument imressaq fit-tieni aggravju tal-atturi appellanti, għalhekk, ukoll huwa legalment infondat u mhux ser jintlaqa'.

52. Għaldaqstant, u għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, din il-qorti tiċħad l-appell tal-atturi appellanti u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti tat-30 ta' Novembru, 2021 *in toto*.

53. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell, jitħallsu mill-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da